**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMIENJA U TLETIN 28TA' LULJU, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, u s-Sur Kyle Mifsud u Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Is-Sur Kenneth Farrugia

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **38.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 38.1.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia nforma li ma setgħax jattendi minħabba impenn ieħor. **Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **38.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 38.2.1 | | Fuq punt 36.5.2 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li t-tpinġija fuq il-kalendarju hi miftuħa għal kull eta. |
| | | |
| 38.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u tletin - il seduta u tas-seduta b'urġenza numru sebgħa u tletin. |
| | | |
| ***38.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 38.3.1. | | Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera biex jaħsbu għar-writeup tal-Kunsill News, biex ikun jista joħroġ wara l-festa li jmiss. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 38.3.2 | | Is-Sindku kellha ħafna laqgħat ma' Trasport Malta, Heritage Malta, Sindku ta' Ħal Safi u l-Kuntrattur li qed jaħdem fuq il-culvert ta' Vjal ix-Xarolla u Triq Bronja. Min-nhar it-Tnejn ser jitkompla x-xogħol u ser tingħalaq Vjal ix-Xarolla kompletament min-naħa ta' fuq minħabba li nstabu fdalijiet arkeoloġi. |
| | | |
| | | |
| 38.3.3 | | Is-Sindku qalet li nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju, ser ikun hemm attivita fi Ġnien il-Ġibjun għall-familja kollha, li ser tkun mtella minn Ambjent Malta, Era, Parks Malta, Wasteserv u The energy and water agency. Ħeġġet lill-Kunsill biex jattendi.<br><br>Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju, fl-iskola ser ikun hemm laqgħa agrarja ġol-iskola taż-Żurrieq. |
| | | |
| 38.3.3 | | Is-Sindku ssuġġeriet li ser torganizza weekend break għall-anzjani f'lukanda. Kien hemm qbil fuq dan. Għada jibda l-booking. |
| | | |
| 38.3.4 | | Ser issir restawr ta' puttura fil-knisja u fl-10 ta' Awwisu il-kunsill ġie mistieden għal attivita fuq iz-zuntier. |
| | | |
| ***38.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 38.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato, qalet li ġibdulha l-attenzjoni li s-sleeping policeman ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq il-Kunċizzjoni qedgħa hemm għal xejn għax xorta jgħaddu minn fuqha b'veloċita. Hi ssuġġeriet li dik il-parti issir one way u l-vetturi jibqgħu tegħlin lejn Triq il-Kunċizzjoni u jinżlu minn Triq il-Mitħna.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-aħjar isiru l-lights. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt laqgħa li xhur ilu hi u s-Sindku kellhom ma' TM, ġie ssuġġeriet dan il-każ, imma TM ma tagħtx risposta.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li l-Kunsill jibqa jisforza mal-awtoritajiet biex jitneħħew id-djar li jinsabu fin-nofs, kif kienet imwiegħda fil-manifest elettorali. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 38.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li xhur ilu kien talab biex:<br>• issir tabella – Black point fi Triq il-Wied<br>• biex fi Triq Inglott isiru parkeġġi, waqt li ma tkunx qed tintuża l-venda.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser terġa tibgħat tfakkira fuq iż-żewġ każi.<br><br>• Il-ġimgħa d-dieħla ser ikollu bżonn ħaddiema tal-Kunsill biex jirranġaw is-sala tal-iskola biex jibdew il-kunċerti. |
| | | |
| 38.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li minflok tankijiet għal waqt il-festa jsiru bins sbieħ bis-seperators. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bins puliti li |

| | | |
|---|---|---|
| | | inġiebu, għal Triq P P Saydon, insterqu minnhom. Is-Sindku qalet li anke tankijiet li kienu fi Vjal il-Blue Grotto insterqu.<br>Ma kienx hemm qbil mas-suġġeriment. |
| | | |
| 38.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• intalab biex isiru parkeġġi riservati għar-residenti ta' Misraħ Mattia Preti. Hu talab li imqar ikun hemm parkeġġ wieħed. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lil TM jekk jistgħux isiru.<br>• Fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq G M Callus qed isiru ħafna inċidenti, hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Is-Sindku qalet li l-hedge ta' madwar it-traffic island tneħħew biex il-vetturi jkun aktar viżibli. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-TM biex jagħti soluzzjoni. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard issuġġeriet li ssir round about. Il-Kunsillier Dino Bonnici ma qabilx li jinqalgħu s-siġar imma li jsiru speed cameras. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li ssir sleeping policeman.<br>• Is-Sotto kumitat tiegħu ssuġġerixxa li ssir attivita bħal xi Day by the pool jew xi ħaġa simili għal familji. Kien hemm qbil fuq l-attivita.<br>• It-tindif mhux qed isir tajjeb mill-Kuntrattur u jeħtieġ li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-Clean Malta biex isir it-tindif maż-Żurrieq kollu. Ma jistax ikun li l-Kunsill jibqa maħmuġ. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku qalet li ż-żewġ ħaddiem li għandu l-kuntattur fejn jagħmlu jagħmluh tajjeb ħafna. |
| | | |
| 38.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-permessi ta' makkinarji kbar li ġew approvati mill-Kunsill waqt il-ġranet tal-festi. Hu qal li kien hemm panic għax kien hawn toroq magħluqa mill-festi u mill-kuntatturi li kienu qed jaħdmu. |
| | | |
| 38.4.6 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li s-Sindku irċeviet l-invit tal-Ġemellaġġ ta' Morphou u hu qed jitlob li hu jitla magħha u jħallas il-Kunsill għall-passaġġ tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 38.4.7 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li minħabba li Vjal ix-Xarolla u parti minn Triq Bronja jinsabu magħluqa, jissuġġerixxi li Triq Dun Karm Lia f'Ħal Safi ssir two way għal vetturi. Is-Sindku qalet li kellha diversi laqgħat anke mas-Sindku ta' Ħal Safi, ser terġa titkellem miegħu.<br><br>F'dan il-punt il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta 19:40. |
| | | |
| 38.4.8 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li f'seduta tal-Kunsill kien tqajjem punt biex issir bollard ma'dar fi Triq San Nikola u l-Kunsill ma kienx qabel. Il-Kunsill kien qabel li jagħmilha r-resident stess. Kien hemm qbil li ssir tal-lastiku u jekk tinkiser issir mir-resident. |
| | | |
| ***38.5*** | | **RAPPORTI** |
| | | **Rapport ta' kull kwart – It-tieni kwart tas sena.** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 38.5.1 | | Ġie ppreżentat r-rapport finanzjarju, tat-tieni kwart tas-sena, mħejji mill-accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat biex jiġi applowdjat. |
| | | |
| | | |
| **38.6** | | **Aġġudikar ta' tenders:**<br>**Works on pavements, retaining walls and culverts**<br>**Maintenance of traffic signs and road markings**<br>**Services of an Accountant** |
| | | |
| 38.6.1 | | **Works on pavements, retaining walls and culverts**<br>**L-offerenti kienu dawn:**<br>**Silvar Construction – 83,678Euro**<br>**Catbros – 89,145.48Euro**<br>**Dimbros – 73,041Euro**<br>L-għeluq tat-tender kien fl-10 ta' Ġunju, 2022- Il-kunsilliera Dr Tiffany Ann Attard, Kaydem Schembri u Kenneth Farrugia, aġġudikaw it-tender u sabu li l-orħos offerent kellu rekwiżiti nieqsa. Ghalhekk it-tieni l-orħos offerent Silvar Construction, kellu r-rekwiżiti kollha ser jieħu din l-offerta.<br><br>Il-kuntratt il-ġdid sakemm ma jkunx hemm oġġezzjonijiet jibda mill-1 ta' Settembru, 2022.<br><br>**Maintenance of traffic signs and road markings**<br>L-offerenti kienu dawn:<br>• 5H – 32,721.50<br>• Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-traffiku – 28,433.60Euro<br>• Road Technologies – 148,863Euro<br><br>L-għeluq tat-tender kien fl-10 ta' Ġunju, 2022- Il-kunsilliera Dr Tiffany Ann Attard, Kaydem Schembri u Kenneth Farrugia, aġġudikaw it-tender u sabu li l-orħos offerent kien Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-traffiku u għalhekk is-servizz ser jingħata mill-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-traffiku.<br><br>Il-kuntratt il-ġdid sakemm ma jkunx hemm oġġezzjonijiet jibda mill-1 ta' Settembru, 2022.<br><br>**Services of an Accountant**<br>L-għeluq tat-tender kien fl-10 ta' Ġunju, 2022-<br>L-offerenti kienu dawn:<br>• Doreen Mintoff – 15,840Euro<br>• Desiree Borg – 19,500Euro<br>• GCS Accounting Malta – 35,760Euro<br><br>Il-kunsilliera Dr Tiffany Ann Attard, Kaydem Schembri u Kenneth Farrugia, aġġudikaw it-tender u sabu li l-orħos offerent – Doreen Mintoff kellha kollox konformi ma dak rikjest. Għalhekk kien hemm qbil li s-servizz jiġi mgħoti minn Doreen Mintoff. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kuntratt tal-Accountant ser jiġi mġedded sal-aħħar ta' Awwissu, 2022, minħabba li dan ma jistax ikun, li jkun hemm perodu mingħajr servizz ta' accountant. Il-kuntratt il-ġdid ser jibda fl-ewwel ta' Settembru, 2022. |
| | | |
| 38.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm bżonn li jiġu mġedda l-kuntratti tal- Knies tat-toroq u tal-Perit, b'xahar. Minħabba li l-offerti maħruġa għad iridu jiġu aġġudikati. Kien hemm qbil li l-ġġudikaturi jkunu l-Kunsilliera Tiffany Ann Attard, Kaydem Schembri u Kyle Mifsud. Kien hemm qbil li tali kuntratti jkunu mġedda. |
| | | |
| 38.6.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li t-tender **Works -Tender for the Embellishment of Area Surrounding the Xarolla Mill,** kien hemm protest mad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq l-adġudikar tiegħu u d-Dipartiment tal-Kuntratti mal laqgħetx it-talba ta' LBV Ltd u għalhekk l-offerta ser joħodha Big Projects. |
| | | |
| ***38.7*** | | ***Għeluq ta' Misraħ Repubblika fil-15 ta' Awwissu.*** |
| | | |
| 38.7.1 | | Dan il-punt ġie maqbuż bi żvista u ġie mitkellem fl-aħħar tas-seduta. Is-Sindku qalet li ser tagħmel laqgħa mal-każini u mas-sidien tal-ħwienet u tinforma lill-Kunsill biex min irid ikun preżenti. Hi ser titlob li waqt l-għeluq ta' Triq P P Saydon, Misraħ Repubblika u Triq il-Kbira, il-ħwienet jkunu jistgħu joħorġu l-imwejjed u siġġijiet. |
| | | |
| ***38.8*** | | ***Ċirkulari Numru SPI/SCI/08/2022 u SPI/SCI/08/2022*** |
| | | |
| 38.8.1 | | Fuq Ċirkulari SPI/SCI/07/2022 – World Cleanup day 2022 - Il-Kunsillier inkarigat ma kienx preżenti, għalhekk ma ġietx mitkellma.<br><br>Fir-rigward ta' Ċirkulari Numru SPI/SCI/08/2022 Finanzjament Milied 2022 – Fir-rigward tal-attivitajiet tal-Milied, il-Kunsillier Kyle Mifsud, qal li qed jaħdem fuq attivita' għal dawn il-fondi.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-applikazzjoni fiha ħafna punti x'jiġu milħuqa u hu ssuġġerixxa li l-attivita' tal-orkestra li ssir kull sena fi żmien il-Milied, issir xorta mingħajr ma l-Kunsill japplika għal fondi.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi taf persuna li tista tgħin fuq l-applikazzjoni. Kien hemm qbil li tipprova iġġib l-għajnuna fuq l-applikazzjoni. |
| | | |
| | | |
| **38.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***38.10*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 38.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti: |

- Persuni li għandhom l-għalqa fi Triq il-Qrendi ffirmaw petizzjoni li jridu sleeping policeman quddiem l-għalqa tagħhom. Fis-seduta preċedenti kien hemm qbil li jekk it-talba hi li ssir viċin il-liwja bejn il-Qrendi u ż-Żurrieq, issir, imma jekk din it-talba hi 'l bogħod mil-liwja ma ssirx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min talab tali sleeping policeman immarka bl-aħmar fejn iridha. Hi staqsiet jekk il-Kunsill japprovax. Ma kienx hemm qbil ġaladarba mhix fil-liwja. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet jekk isir xi ħaġa, għandu dejjem isir għall-komunita' kollha mhux għal individwu wieħed biss. Il-Kunsillier Kaydem Schembri biss, qabel li titneħħa dik is-sleeping policeman fi Triq il-Qrendi, li spiċċat aktar min-nofs tagħha u issir fejn hemm il-firem tal-petizzjoni.
- Fl-aħħar seduta s-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' persuni li ta' kull sena jorganizzaw attivita għall Halloween qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex għal din is-sena l-kunsill joħroġ il-permessi meħtieġa, jipprovdi LESA officers u ambulanza. Dan il-punt kellu jiġi diskuss waqt din is-seduta, waqt li jkunu preżenti il-Kunsilliera li jorganizzaw l-attivitajiet. Kien hemm qbil li tiġi inkorporata mal-attivita' tal-Kunsill u jitalbu jagħmlu laqgħa mas-Sotto Kumitat Tfal u żgħażagħ.
- Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret f 'email li ntbgħatet lill-kunsilliera kollha fejn kien hemm qbil li persuna (artist) japplika għal fondi u kompetizzjoni ta' monument artistiku fi Ġnien il-Ġibjun. Tali monument għandu forma ta' sfera tal-istainless steel biex tirrifletti fiha l-ambjent tal-madwar. Dan kien hemm qbil fuqu permezz ta' email iċċirkulata.
- Żewġ persuni avviċinaw lill-Kunsill biex ikunu il-kuraturi tat-Torri tal-Wardija, bla ħlas. Dawn lesti li jiftħu lin-nies li jkunu ser iżuru t-torri. Wieħed minn dawn il-persuni għandu kollezzjoni militari, fosthom partijiet minn bombi sploduti fuq Filfla u balla ta kanun taz-zonqor sparata mit-torri stess.
- Il-persuna li għandha l-bar ta' Ġnien il-Ġibjun trid li torganizza disco għall-persuni over 40 u tagħlaq parti mill-ġnien. Qed jitlob li l-permess tal-attivita jkun ta' 35E bħal tat-tombla. Ma kienx hemm qbil fuq dan.
- Il-perit tat drawing ta' kif jista jiġi d-dog park f'Tal-Ħniena. Dan tressaq għall attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jekk jinġibu fondi minn xi applikazzjoni jaqbel imma jekk ser iħallas il-Kunsill ma jaqbilx. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jaqbel li fil-post isir xi ħaġa għall-familja kollha u mhux dog park.
- Il-Kunsill irċieva petizzjoni minn resident ta' Triq l-Inġiniera biex it-Triq issir one way. Il-vetturi jgħaddu direzzjoni minn Triq il-Kbira lejn Triq l-Inġiniera. Kien hemm qbil li l-Kunsill qabel u jitlob permess ta' TM.
- Id-direttorat tal-Edukazzjoni qed jitlob lill-Kunsilli lokali jorganizzaw Junior Science club tat-tfal ta bejn year 3 u 6. Dan jista jsir f'xi sala tal-Kunsill jew skola. Minn Ottubru sa Mejju u jkun darba fil-ġimgħa bejn 14:15 u 17:30. Il-ħlas hu ta 80E kull student. Jekk il-Kunsill jaqbel, il-promozzjoni issir fl-iskejjel kollha ta' Malta. Kien hemm qbil fuq dan li tintalab l-għajnuna tal-kap tal-iskola biex joffri klassi.
- Il-Kunsill kien talab biex minflok bankina fi Triq il-Qroll u Triq Sant Agatha isiru parkeġġi. Il-Kunsill qabel mal-pjanti tal-perit. Fil-każ ta' Triq Sant Agatha mal-pjanta fejn is-siġra ma tinqalax.

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ħareġ mis-seduta fit- 20:45. |
| | | |
| 38.10.2 | | Gabbani tal-festi.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nhar is-Sibt tal-festa Uffiċċjali tal-komunita iċċekjaw il-permessi tal-gabbani tal-festi u ġew innutati dan li ġej:<br>***Triq Dun Ġużepp Zammit***<br>• Tliet sidien ta' gabbani ma ramawx fil-festa u lanqas ġabu l-gabbana fuq il-post – dawn kienu in-numru 5, 10 u 11.<br>• Sid ta' gabbana numru 15 ma kienx preżenti fil-gabbana u minn floku kien hemm persuna oħra li ppruvat tqarraq bl-uffiċċjali pubbliċi billi iffirmat u kitbet in-numru tal-ID Card ta' sid il-gabbana minflok tiegħu innifsu.<br><br>***Triq Carmelo Caruana/ Triq Stefano Zerafa***<br>• Gabbana numru 3 ma ramatx u laqnas kienet fuq il-post.<br>• Fil-gabbana numru 6 minflok sid il-gabbana kien hemm persuna oħra li qal li hu l-ħaddiem ta' sid il-gabbana.<br><br>***Vjal il-Blue Grotto***<br>Fil-gabbana numru 12 kien hemm ir-raġel ta' sidt il-gabbana.<br>Persuna kienet armata b'ħanżir imsajjar u bl-imwjjed mingħajr ma kellha permess, ġiet imwissija biex ma terġax tarma.<br><br>Kien hemm qbil li jekk jerġa jkun hemm persuni li jiksru r-regolamenti tal-Kunsill barra li jingħataw taħrika, għandhom jitwaqfu mmedjatament milli jkomplu jbiegħu.<br>Kien hemm qbil li jiġi mitkellem l-avukat tal-Kunsill u tittieħed linja gwida mingħandu biex dawk li ma ramawx tilfux id-dritt għal festi li ġejjin. |
| | | |
| ***38.11*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 38.11.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numru 5 u 6 u 7 u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 126. |
| | | |
| ***38.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 38.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €94,618.74<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsillier Kaydem Schembri u Dino Bonnici. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***38.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 38.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:10 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 ta' AWWISSU, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 24 ta' AWWISSU, 2022.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**